MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 39/2003

Il-Pulizija
(Spettur Edel Mary Camilleri)
Vs

Alfred Attard

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) fid-9 t'Awwissu, 2002, fil-Marsa, bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika jew bhala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu sew jekk ma kellekx jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabilliment pubbliku, illi taht il-libsa tal-kariga tieghu, eziga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li

tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi, bi ksur ta' l-Artikolu 112 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hu m'ghandux jedd, bi ksur ta' l-Artikolu 115 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-24 ta' Frar, 2003, li biha wara li rat l-Artikoli 401 (2) u 403 tal-Kap. 9, iddikjarat il-proceduri ezawriti stante li dawn prima facie, ma rrizultawx, u rrizulta biss li l-imputat kien qieghed jaghmel xogholu.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fis-7 ta' Marzu, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla l-istess sentenza, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ddecidiet il-kaz minghajr ma tat ebda differiment kif kellha taghmel , biex jixhdu l-persuni li rrapurtaw il-kaz u li taghhom giet esebita riferta u li ghalhekk is-sentenza hija nulla stante li ma giex osservat l-provvediment tal-ligi u dana skond l-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat ;

Illi qabel xejn u qabel ma tghaddi biex tqis l-aggravju tal-Avukat Generali din il-Qorti ma tistax ma tesprimix il-preokkupazzjoni taghha dwar il-mod alkwantu konfuzjonarju tal-parti dizpozittiva tas-sentenza , fejn intqal testwalment : “”din il-Qorti kif tenuta taghmel a tenur tal-Artikolu 401 (2) u Artikolu 403 tal-Kapitolu 9, tiddikjara l-proceduri ezawriti stante li dawn “prima facie” ma

jirrizultawx u jirrizulta biss li l-imputat kien qed jaghmel xogholu .”

Issa minn ezami taz-zewg artikoli citati fis-sentenza appellata , jidher li l-ebda wiehed minnhom ma kien applikabbli ghall-kaz . Di fatti hawn non si trattatava ta’ eghluq ta’ kompilazzjoni kif kontemplat fl-artikolu 401 (1) tal-Kodici Kriminali, izda ta’ decizjoni fi proceduri sommarji stante li l-Avukat Generali , permezz tan-nota tieghu tal-4 ta’ Dicembru, 2002, (fol. 10 tal-process) kien sa mill-bidu nett tal-proceduri ta l-kunsens tieghu biex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja. Ghalhekk hawn ma kienet qed tinghalaq ebda kompilazzjoni w zgur li ma kienx il-kaz li l-Ewwel Qorti tippronunzja ruha fuq il-“prima facie” , kif ghamlet , imma l-kaz seta’ jinqata biss b’sentenza definittiva. Di fatti l-Ewwel Qorti agixxiet bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali u mhux bhala Qorti Istruttorja anki kif jidher mill-intestatura tal-istess sentenza (Fol.21) . Invece kieku kienet qed tillibera ghax ma kienx hemm kaz “prima facie” kienet tagixxi bhala Qorti Istruttorja meta tati l-provvediment taht l-artikolu 401 (2).

Umbaghad l-artikolu 403 hu manifestament irrilevanti ghal kaz , ghax dan jittratta l-kaz meta , fi stadju li tkun qed tinghalaq il-kumpilazzjoni, il-Qorti tal-Magistrati jkun jidhrilha li r-reat mhux ta’ kompetenza tal-Qorti Kriminali , izda ta’ kompetenza taghha bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u dwaru ma hemmx htiega tal-kwerela tal-parti offiza u allura tghaddi biex taghti s-sentenza fuq ir-reat skond l-artikolu 377 u tordna li l-atti flimkien ma kopja tas-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali . Imma f’ dan il-kaz il-kwistjoni tal-kompetenza kienet gja giet sorvolata bil-kunsens tal-Avukat Generali fuq imsemmi u d-dikjarazzjoni tal-imputat appellat li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja (fol. 9) .

Inoltre bil-fatt li l-Ewwel Qorti ma baghtitx l-atti tal-kawza u kopja tas-sentenza lill-Avukat Generali kif kienet obbligata taghmel skond l-art. 401 (3) u 403 (1), dan jindika li l-Ewwel Qorti ghalkemm erronjament iddikjarat li qed tagixxi skond l-artikolu 401 u 403 , fil-fatt ma kienetx qed taghmel hekk ghax kieku kien hekk, kienet tordna li l-

atti f'kaz ta' decizjoni skond l-artikolu 401 u l-atti flimkien ma kopja tas-sentenza fil-kaz ta' decizjoni skond l-artikolu 403 jintbaghatu lill-Avukat Generali.

Illi inoltre meta l-Ewwel Qorti iddikjarat il-proceduri "ezawriti" kienet qed tuza frazeologija ritwalistika li normalment tintuza meta tigi rtirtata l-kwerela tal-parti leza . Issa f'dan il-kaz, ghalkemm il-Pulizija agixxiet fuq rapport tal-familja McKay kontra l-appellat, ir-reati dedotti kontra tieghu w cioe' dawk ta' meta ufficjal pubbliku jesigi flus kontra l-ligi (Art. 112) skond l-ewwel imputazzjoni w dak ta' korruzzjoni (art. 115) skond it-tieni imputazzjoni , huma reati li huma dejjem prosegwibbli "ex officio" u ma hemmx bzonn tal-kwerela tal-parti leza. Ergo zgur li ma kienx applikabbli ghal dan il-kaz l-artikolu 374 (d) tal-Kodici Kriminali li jghid li jekk ma jidhirx il-kwerelant u jidher biss il-kwerelat , dan jista' jitlob li jigi liberat . Apparti li ma jirrizultax li saret xi talba simili mill-imputat appellat, il-Qorti ma setghetx ghalhekk tiddikjara il-procediment "ezawrit" kif ghamlet ghaliex il-membri tal-familja McKay, li din il-kawza giet istigata fuq rapport taghhom , ma dehrux ghalkemm debitament imharrkin.

Illi hu minnu li fil-verbali fl-unika udjenza li saret ma jirrizultax li l-Prosekuzzjoni tablet jew insistiet biex jixhdu l-membri tal-familja McKay , pero' mill-banda l-ohra la hu verbalizzat li l-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat li m'ghandhiex provi ohra xi tressaq u lanqas gie verbalizzat li l-akkuzat gie mitlub jghid ghandux provi jew jekk iridx jaghmel xi trattazzjoni jew li gie ezentat minn tali trattazzjoni . Jidher li l-ewwel Qorti ghaddiet biex tat is-sentenza waqt l-udjenza f'forma ta' verbal li jkompli mall-verbali precedenti fl-istess udjenza u li dan il-verbal zviluppa f'sentenza . Di fatti sitt paragrafi tas-sentenza huma identici ma sitt paragrafi tal-verbal.

Illi din il-Qorti ghalhekk thoss li minnhabba dawn l-rregolaritajiet kollha , apparti l-kwistjoni jekk il-Qorti kellha jew ma kelliex tati differiment biex jinstemghu x-xhieda tal-Prosekuzzjoni – li tifforma l-aggravju uniku tal-Avukat Generali – li fuqhha mhux ser tippronunzja ruha f' dan l-istadju , ghandha tannulla s-sentenza appellata

minnhabba li fiha u fl-atti antecedenti li wasslu ghaliha nkisru jew ma sarux formalitajiet ta' natura sostanzjali kif fuq spjegat  u dana a tenur tal-artikolu 428 (3) tal-Kap.9 .

In vista tal-fatt li ma xehdux ix-xhieda  kollha quddiem l-Ewwel Qorti u li , jekk tismaghhom din il-Qorti, tkun qed tippriva lill-partijiet mill-beneficcju tad-"doppio esame" , ikun aktar opportun li l-atti jintbaghtu lura lill-Ewwel Qorti biex il-kawza tigi trattata u deciza mill-gdid .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed thassar u tannulla s-sentenza appellata w tibghat l-atti tal-process lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex terga tittratta w tiddeciedi mill-gdid il-kawza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------